MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1682/2005

**Raymond Mercieca**

**-vs-**

**Margaret Baldacchino**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-24 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' elf mitejn u hamsin lira Maltija (Lm1250) rapprezentanti ammont ta' flus misluf brevi manu lill-konvenuta, b'l-imghaxx legali mid-data tal-prezenatat ta' l-Avviz u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu

pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm konvenuta giet notifikata b’l-avviz f’l-1 ta’ Settembru 2005, naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici, u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ elf mitejn u hamsin lira Maltija (Lm1250) l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------